MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Numru. 89/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Michelle Magri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmi Michelle Magri, detentrici tal-karta ta' l-identita Nru 586074(M), li permezz taghhom hija giet akkuzat :
1) Talli fil-21 ta' Jannar, 2002 u f'dati precedenti, fl-isptar San Luqa Pieta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
2) Bhala impjegat jew ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet taghha, ghamlet jew naqset li taghmel xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioe' tal-Gvern ta' Malta u ta' Therese Piscopo;
3) Iddistruggiet jew ma hallietx shah, process, registri, atti jew hwejjeg ohra, li kienu qeghdin fl-arkivji pubblici jew

f'ufficcji ohra pubblici, jew li kienu mpoggija f'idejha bhala dipozitarju jew ufficjal pubbliku minhabba l-kariga taghha;
4) Bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd, u cioe ta' Therese Piscopo, weggatha bi kliem, b'gest, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmija twiegeb illi ma kellha l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti, u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistita volotarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputata fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, issib lill-istess imputata hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikolu 18, 138, 144, 252 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputata irregistrat ammissjoni, il-fatt illi ghandha fedina penali netta u l-fatt illi, kif iddikjara l-istess Ufficjal Prosekutur, l-imputata ghamlet dak illi ghamlet mhux b'xi skop malizjuz, izda minhabba pika u ghira li inqalghet ma tfajla ohra dwar xi guvni. Ma dana kollu ir-reati kommessi mill-imputata huma serji u l-Qorti fil-fatt wissietha bis-serjeta ta' dawn l-akkuzi. Il-Qorti ikkunsidrat pero' illi l-imputata tidher illi hija miexja fit-triq it-tajba u dan kien l-ewwel kaz illi kellha mal-pulizija u ghalhekk ikun kemm ta' beneficcju ghall-imputata, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputata tibqa miexja fit-triq it-tajba u piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tillibera lill-imputata bil-

kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------